MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1225/2002

**Mary Lucy Mamo.**

**-vs-**

**Amanda Baldacchino.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-31 ta’ Ottubru, 2002 li permezz taghha l-attriċi ppremettiet:

Li minħabba imprudenza, negliġenza, u nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti u tar-regoli ta’ komportament mistenni da parti tal-konvenuta u dan b’dannu ta’ l-attriċi, ġew kaġunati danni meta fit-3 ta’ Awissu tas-sena 2001 għal ħabta tat-tmienja ta’ fil-għodu l-attriċi sefgħet imtajra mill-vettura misjuqa mill-

konvenuta, tal-marka Honda Civic bin-numru ta' reġistrazzjoni HAJ-232 ġewwa Triq Nikola Zammit, is-Siġġiewi;

Li dawn id-danni, kemm bħal danni emerġenti u kemm bħal *lucrum cessans*, jikkonsistu f'danni materjali mill-konsistenti kemm fit-telf tal-paga kif ukoll spejjeż mediċi oħra kif ukoll danni personali kkaġunati fuq l-attriċi minħabba l-ġrieħi gravi li soffriet.

Li minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarċiment mill-konvenuta.

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. tiddikjara lill-istess konvenuta responsabbli tad-danni sofferti mill-attriċi meta fit-3 ta' Awissu tas-sena 2001 għal ħabta tat-tmienja ta' fil-għodu l-attriċi sefgħet imtajra mill-vettura misjuqa mill-konvenuta tal-marka Honda Civic bin-numru ta' reġistrazzjoni HAJ-232 ġewwa Triq Nikola Zammit, is-Siġġiewi, għal liema inċident il-konvenuta kienet unikament responsabbli;

2. tillikwida d-danni kaġjonati, jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta bl-inġunzjoni minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fid-9 ta' Lulju, 2004 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi t-talbiet ta’ l-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-inċident in kwistjoni ġara minħabba negliġenza ta’ l-attriċi li niżlet minn fuq il-bankina fil-mument li kienet għaddejja l-karozza misjuqa mill-konvenuta.

2. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriż ir-rapport tal-kirurgu Charles Grixti (fol 7 tal-proċess) li ġie konfermat bil-ġurament fis-seduta tas-6 ta’ Frar, 2005 u r-rapport tal-kirurgu Charles Sciberras, nominat mill-Qorti esebit a fol 86.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Diċembru, 2006 u li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher din il-kawża ġiet provokata minn inċident stradali li ġara s-Siġġiewi fit-3 ta’ Awissu, 2001 fejn l-attriċi ttajret minn vettura misjuqa mill-konvenuta. Da parti tagħha din qed teċċepixxi li l-inċident ma ġarax tort tagħha.

Il-Qorti żammet ukoll aċċess fuq il-post u setgħet allura faċilment tasal għad-dinamika ta’ l-inċident. L-attriċi kienet qed taqsam minn Triq in-Niklusi u kienet waslet tista’ tgħid f’nofs it-triq (x’aktarx inqas minn hekk) meta l-konvenuta li kienet għadha kemm kisret għal ġo dik it-triq minn Triq Nikola Zammit laqtitha. Skond l-attriċi l-konvenuta qaltilha li ma kinitx ratha.

Hawnhekk wieħed għandu jonnota li Triq Zammit hija triq passaġġa ħafna u wieħed jista’ jseħħilha triq prinċipali fis-Siġġiewi. Biex il-konvenuta daret ġo Triq in-Niklusi kellha

taqsam il-karreġjata ta' nofs it-triq għaliex kienet ġejja minn

faċċata ta' l-istess triq u għalhekk ittraversat il-wisa' ta' Triq Zammit. Dan huwa spjegat tajjeb fl-iskizz a fol 51 tal-proċess. Triq Niklusi hija triq ħafna idjaq u fil-fatt barra vettura parkeġġjata tgħaddi biss karozza waħda bil-kumdita'. Għalhekk għandha wisa' ta' ftit iktar minn żewġ karozzi.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda kollha u setgħet tinnota diversi nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq xi affarijiet żgħar li fil-verita' ħafna minnhom m'humiex importanti biex wieħed jasal għall-konklużjoni. Il-konvenuta per eżempju tgħid li l-attriċi kienet qed titkellem qabel qasmet u din tiċħad; tgħid ukoll li d-daqqa ħassitha fuq wara u lill-attriċi assolutament ma rathiex. Donnha timplika illi l-attriċi daħlet ġo fiha u mhux hi laqtitha – verżjoni li ftit tista' tkun attendibbli għaliex wieħed ma jimmaġinax li xi ħadd jidħol hu ġol-karozza għaddejja almenu sakemm ma jkollux problemi kbar ta' vista. Madankollu fil-verita l-inċident ġara għaliex il-konvenuta daret ġo Triq in-Niklusi u <u>minn fejn kienet gejja ma setgħetx tara x' kien hemm f'dik it-triq qabel ma dahlet fiha. Allura kien ċertament jinkombi fuqha li tkun ċerta li qabel tibqa' għaddejja fi triqtha tkun ċerta li ma tkun ta' ebda periklu.</u>

Rigward is-sentenzi indikati mill-konvenuta, għandu jingħad li <u>Schembri vs Zerafa</u> ġiet maqluba mill-Qorti ta' l-Appell u l-oħrajn għandhom fattispeċji differenti fis-sens li fil-waqt li jirrepetu prinċipji illi se jissemmew iktar il-quddiem, jirriferi għall-inċidenti fejn min kien għaddej fit-triq kien il-ħtija ta' l-inċident għaliex ma żammx *proper look out* xi ħaġa li f'dan il-każ il-Qorti ma tarrivisax.

Hawnhekk naturalment għandhu jingħad li s-sewwieq u l-*pedestrian* għandhom <u>it-tnejn li huma</u> r-responsabilita' ta' l-attenzjoni meta jkunu fit-triq;  *ma hemmx dubbju li l-pedestrian jew foot passenger hu intitlat għall-eżercizzju*

*ta' reasonable care mill-parti tad-drivers anke meta jinżel mill-bankina u jkun fil-carriageway. Il-fatt għalhekk lill-pedestrian ikun fil-*

*carriageway ma jesonerax lid-driver mill-ħtija li jolqtu jekk id-driver ma jkunx eserċita reasonable care.* (<u>Anthony Galea vs Domenic Zammit</u> – Prim'Awla 30 ta' Mejju, 2001). Barra minn dan *il-każ li fih id-driver jista' jkun eżentat mir-responsabilita' hu dak biss li fih il-pedestrian b'xi att inaspettat jew subitanju jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu jkun qiegħed id-driver f'pożizzjoni li anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa dan ma setax assolutament jevita l-investiment* (<u>Appell Kriminali Pulizija vs C. Mifsud Vol 38, paġna 859).</u>

Fis-sentenza riportata fil-Vol XXXV part 4, Paġna 1157 ġiet ċitata l-**Higħway Code**; *Before crossing the road look right and left and satisfy yourself that it is safe to cross. Look out for approaching traffic and take its speed into account. Do not make a sudden dash into the carriageway.* F'sentenza oħra (Vol XXIX – pt 4, paġna 1031) intqal illi *Il-pedestrian għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku imma għandu ukoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qiegħed ruħu f'pożizzjoni fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qed isuq il-karozza b'mod regolari isib ruħu f'pożizzjoni ta' emerġenza subitanja minħabba fih, dak id-driver m'għandux ikun ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-kontinġenza.* Fi kliem ieħor ma hemmx presunzjoni li l-*pedestrian* għandu dejjem raġun. *Imma hu ma għandux jitqies bħala estruż. Hu għandu juża l-kura meħtieġa biex ma joħloqx għall-utenti l-oħra tat-triq sitwazzjonijiet ta' periklu jew emerġenza.* (<u>Appell Ċivili – Bongailas vs Mercieca</u> – 20 ta' Jannar 1970).

Il-Qorti, kif ġia' ingħad, ma tħossx li f'dan il-każ l-attriċi kienet b'xi mod negliġenti. Hija ma qasmitx f'xi parti tat-triq partikolarment perikoluża għalkemm forsi kien ikun aktar għaqli li qasmet xi tlett (3) metri iktar il-quddiem. Dan pero'

ma jfissirx li l-konvenuta kienet żgur tilħaq tieqaf għaliex l-ikbar kundanna għall-konvenuta qalitha hi stess u cioe' li ma ratx lill-attriċi. Kif jingħad f'ċirkostanzi bħal dawn din żgur ma niżlitx

mis-sema! Il-konvenuta kisret mingħajr ma ħadet prekawzjoni għall-*pedestrians* li seta' kien hemm fi Triq Niklusi, probabilment għaliex kien moħħha biss f'vetturi oħra ġejjin minn faċċata tagħha.

Rigward id-danni subiti mill-attriċi miċ-ċertifikat rilaxxat mill-espert nominat mill-Qorti jidher li hija kellha disabilita' ta' għaxra (10) fil-mija b'riżultat ta' l-inċident. Għalkemm l-ispeċjalista inkarigat minnha hu tal-opinjoni illi din kellha tkun iktar – tnax (12) fil-mija, ftit hemm differenza bejniethom u hu normali li l-Qorti tadotta l-opinjoni ta' l-espert nominat minnha. L-attriċi kellha erbgħa u ħamsin (54) sena meta ġara l-inċident u bħala salarju dak iż-żmien kellha ċirka erba' mija, sitta u sittin elf Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm466.50) fix-xahar jew ħamest elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm5,600) fis-sena; dan multiplikat b'għaxra (10) fil-mija jwassal, meta mmultiplikat b'sebgħa (kemm kien jonqosha taħdem bi qliegħ) għas-somma ta' tlett elef, disa' mija u għoxrin Lira Maltin (Lm3,920). Peress li l-attriċi tilfet ċirka elf u mitt Lira Maltin (Lm1,100) f'pagi direttament minħabba l-inċident (ara x-xhieda tar-rappresentant ta' l-isptar Victor Tonna, fejn taħdem l-attriċi). Il-Qorti għalhekk se takkorda s-somma ta' ħames elef u għoxrin Lira Maltin (Lm5,020) mingħajr xejn tnaqqis għal taxxi biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u mingħajr tnaqqis għal ħlas f'daqqa billi l-inċident ġara kważi sitt (6) snin ilu.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut; tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' ħamest elef u għoxrin Lira Maltin (Lm5,020). L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------